## FRAK MILL-ISTORJA TAL-MARSA

# IL-KNISJA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJI (TA' ĊEJLU)

❑ Mall-proġett u l-iżvilupp ta' Porto Novu fil-Marsa fiż-żmien il-gvernatur Le Marchent fis-sena 1859-61 kienu bdew jibnew mollijiet u bosta mħażen kbar tal-faħam u oħrajn biex jaħżnu kull xorta ta' tagħbija. Dawn inbnew tul ix-xatt kollu tal-Marsa, ibda minn naħa tax-xatt ta' Pinto, il-Menqa sa dawra ta' Ċejlu u jispiċċa ħdejn Ras Ħanżir.

Meta nfetaħ il-Kanal ta' Suez ix-xogħol fix-xatt tal-Marsa żdied ħafna għaliex bosta vapuri kienu jieqfu biex jgħabbu l-faħam fi triqthom lejn l-Indja, ħalli jkomplu bil-vjaġġi tagħhom. F'Malta ma hawnx minjieri tal-faħam u dan kien jinġieb mill-Ingilterra għall-port tagħna minn vapuri apposta. Fil-Menqa u d-daħla kennija "ta' Ċejlu" kienu jitpoġġew għadd ta' braken biex il-ħaddiema tal-faħam imsejħa faħħama jġorru l-faħam għall-vapuri fil-port. Ħafna kienu dawk il-ħaddiema li bil-familji tagħhom minn diversi rħula ta' Malta u Għawdex bdew jiġu joqgħodu fid-djar li bdew jinbnew għalihom fil-Marsa. Il-popolazzjoni tal-Marsa minn dak in-nhar il-quddiem bdiet tiżdied mall-ftit bdiewa u sajjieda li kienu jgħixu fiha.

L-avukat is-Sur Ġużeppi Żammit minn Bormla kellu l-art fin-naħa magħrufa ta' Ċejlu fil-parti ta' ġewwa tal-port. L-art kienet taħt il-għolja tal-Ġiżwiti tħares lejn Raħal il-Ġdid. Hemmhekk huwa bena minn flusu l-knisja dedikata lill-Madonna tal-Grazzji fil-1870. Il-knisja ta' Ċejlu kif inhija magħrufa minn kulħadd hija mibnija fuq stil barokk, forma ta' salib b'koppla u żewġ kampnari fil-faċċata. Nistgħu ngħidu li hija ġawhra ta' l-arti bl-iskultura li fiha fil-ġebla Maltija. Il-faċċata minn barra hija mżejjna b'tieqa kbira fuq il-bieb u bejn il-kampnari hemm frontispizju li jispiċċa b'salib. L-arma tal-familja Zammit tinsab minquxa bejn il-lunetti tal-koppla fil-faċċata. Il-kwadru titulari jirrappreżenta lil Ommna Marija b'binha Ġesù li tinsab fuq it-tron imdawra bl-anġli u qed ixerred il-Grazzji. Dan huwa xogħol tal-pittur G. Vella u tħallas mill-benefattur G. Zammit li ħalla l-arma tiegħu fil-kwadru. Il-knisja kien fiha artal maġġur tal-ġebel li tneħħa u floku sar Torris Ewkaristiku ta' l-irħam u artal mejda ta' l-irħam. Fil-Kampnari hemm imdendlin sett ta' żewġ qniepen li jisimhom Ġużeppina u Antonia għall-avukat benefattur Ġużeppi Zammit u martu. Dawn il-qniepen inħadmu Malta mill-magħruf "Guliano Cauchi e fratelli" fis-sena 1871. Ma dawn il-qniepen li jinsabu waħda f'kull kampnar kienet żdiedet qanpiena oħra li kienet tal-bastiment "Pampas" u ġiet mogħtija lil din il-knisja. Fil-Knisja minn ġewwa ħdejn il-bieb ta' barra hemm irħama bi skrizzjoni b'kitba bil-latin li tfakkar u tgħid. "Dan it-Tempju iddedikat lil Verġni Marija, Omm il-Grazzji ġie mibni minn flus l-avukat Ġużeppi Zammit u martu Antonia fis-sena 1870. A.D. biex jaqdi l-ħtiġijiet spiritwali u jheġġeġ il-fidi tan-nies ta' l-inħawi". Il-benefattur ta' lill-knisja kalċi bl-arma tiegħu, ostensorju jew sfera u relikwarju.



Fil-knisja hemm diversi statwi bħall-Madonna tal-Grazzji, id-Duluri, San Ġużepp, it-Trinità Qaddisa, San Franġisk u l-kurċifiss kbir li jintrama fir-Randan. Il-bradella u l-bankun inħadmu mis-Sur Alfred Spiteri. Mall-knisja fuq in-naħa ta' wara hemm sagristija kbira u fil-ġenb tagħha inbena post għar-Rettur li jkun jieħu ħsiebha. Sa mill-bidu tat-twaqqif

tagħha bdiet tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna tal-Grazzji mhux biss ġewwa l-Knisja, iżda anke fuq barra. Xhieda ta' dan hija l-festa kbira li saret fix-xatt quddiem il-Knisja fil-Marsa f'Settembru tal-1873. Ġewwa l-Knisja kienet ġiet iċċelebrata quddiesa u vespri. Fil-festi ta' barra sar l-armar u l-luminazzjoni tat-tazzi taż-żejt. Biex tferraħ inġiebet il-Banda Mużikali fejn il-poplu ġie bi ħġaru għall-din il-festa tal-Madonna tal-Grazzji. Saħansitra ġiet organizzata l-ġostra li fiha ħadu sehem bosta żgħażagħ u nħaraq il-logħob tan-nar u il-ġiġġifogu madwar il-knisja u l-inħawi tagħha. Nafu li fil-1890 fil-Marsa kien hawn 620 ruħ jgħixu f'200 dar, barra oħrajn imxerrdin f'irziezet u djar oħra lejn in-naħa ta' fuq tal-Marsa u lejn Triq it-Tiġrija. Il-knisja li tinsab tħares lejn il-baħar kienet tiġi amministrata mill-kleru djoċesan u għal numru ta' snin kien jieħu ħsiebha ċertu Dun Ġużepp minn Raħal il-Ġdid. Fl-aħħar gwerra dinjija waqgħu diversi bombi qrib tagħha u kkaġunawlha xi ħsarat fil-faċċata u partijiet oħra li wara ġew irranġati bl-ispejjes tal-War Damage.



Fil-21 ta' Ġunju 1958 ġiet magħmula bħala l-knisja uffiċjali ta' l-appostolat tal-baħar taħt id-direzzjoni ta' Patri Ġużeppi Scarpello tal-Franġiskani Minuri. B'hekk bdiet taqdi l-ħtiġijiet u l-kura spiritwali ta' bosta baħħara u baħrin li kienu jidħlu fil-port tal-Marsa. Damet taqdi dan l-iskop spiritwali bħala ċentru tal-Appostolat tal-baħar sal-1962 meta ġiet trasferita għal knisja tal-Madonna ta' Liesse fil-Belt Valletta. Il-knisja baqgħet tiġi mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani Minuri, magħrufa bħala ta' Ġieżu. Bit-tħabrik ta' Patri Alfred Tabone Franġiskan tneħħa l-artal maġġur tal-ġebel u sar l-artal mejda ta' l-irħam filwaqt li l-knisja ġiet restawrata u saru diversi opri fosthom iż-żuklatura ta' l-irħam, id-damask il-ġdid, il-linef u l-antiporta taħt il-gallerija ta' l-orgni permezz tiegħu u tar-retturi li kien hemm qablu. Fil-1988 ġie mpitter il-kwadru ta' San Franġisk t'Assisi minn A.C. Zammit. Fl-1995 twaħħlet irħama ma ġemb il-bieb fil-knisja fejn tgħid hekk "Patri Alfred Tabone O.F.M. Rettur flimkien mal-komunita Nisranija tal-Knisja Madonna fil-Grazzja, ta' Ċejlu - Marsa ifakkru l-125 sena mit-twaqqif ta' din il-Knisja 1870 - 1995". Dik is-sena kienu saru festi speċjali biex ifakkru din il-ġrajja.




Għal xi żmien il-knisja, tmexxiet minn kumitat magħmul mis-Sinjuri Karmenu Mifsud, Pawlu Abdilla, Alfred Spiteri u Carmen Micallef. Fiha isiru l-funzjonijiet reliġjużi kollha u hija ta' barka għall-ħaddiema li jaħdmu qrib, kemm dawk tax-xatt, ta' l-industriji, kif ukoll dawk tal-Power Station. Quddiem il-Knisja kien sar zuntier żgħir li fil-ġemb tiegħu hemm statwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li tgawdi l-indulgenza mogħtija mill-Arċisqof Monsinjur Don Mawru Caruana fil-1 t'Awissu 1917 u kienet inġiebet meta twaqqa l-bini fi Triq Ċejlu meta tkabbret il-Power Station. Quddiem il-bieb tal-post tar-Rettur fil-ġemb tal-Knisja naraw statwa tal-Qalb ta' Ġesù. Il-knisja tal-Madonna tal-Grazzji kienet ta' barka għal Marsin li kellhom imħabba speċjali għaliha għax kienu iqisuha bħala l-knisja tagħhom qabel ma nbniet il-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa tant li anke l-praċett kien issir ġo fiha, kif ukoll l-funzjonijiet l-oħra kollha. Il-knisja tinsab fi stat tajjeb u tinsab miżmuma b'għożża u kura kbira.

*Pawlu Dimech*